**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Dicembru 2019**

**Talba Nru: 202/19 CZ**

**Andrew Vassallo General Trading Limited (C 45790)**

**vs.**

**Joseph Caruana (ID 431572 (M)**
**Anabelle Urry (ID 241676 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 t'Awwissu 2019 fejn premettiet:

Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tal-intimati fis-somma ta' €4,686.65 (VAT inkluz) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ta' aluminium u xogholijiet ohra ancillari ezegwiti mis-socjeta' esponenti favur l-intimati.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati b'zewg ittri datati 8 ta' Frar 2019 u 2 ta' Mejju 2019, u minkejja li l-intimat Joseph Caruana kkonferma li huwa ser ihallas, sallum l-intimati baqghu ma hallsu xejn.

Illi ghalhekk, is-socjeta' esponenti kellha taghmel din il-kawza tallum.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsuha s-somma komplessiva ta' erbat elef, sitt mija sitta u tmenin Euro u hamsa u sittin centezmu (€4,686.65) (VAT inkluz), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

It-Tribunal;

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-PL Peter Paul Zammit ghall-konvenuti, fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2019.

Ra l-atti kollha.

Ra illi permezz ta' verbal tal-istess udjenza tad-9 ta' Dicembru 2019 il-partijiet qablu fuq is-segwenti:

Il-partijiet qablu, wara ammissjoni tal-konvenuti, illi l-konvenuti ihallsu mija u hamsa w sebghin Euro (€175) mensilment, pagabbli fl-ahhar ta' kull xahar kalendarju liema pagamenti ghandhom ikomplu jithallsu minghajr interruzzjoni sakemm jithallas is-sorte shih u l-ispejjez tal-qorti inkluz l-ispejjez tal-mandat u l-kontro-mandat fl-istess ismijiet. F'kaz ta' nuqqas ta' zewg pagamenti puntwalment skont dan il-qbil, l-ammont kollu bl-ispejjez jigi dovut kollu u minufih bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz promotur sad-data tal-hlas effettiv.

Illi wara dan il-verbal, il-partijiet talbu lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a bazi tal-ftehim verbalizzat minnhom u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u dan billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef sitt mija u sitta w tmenin Euro u hamsa w sittin centezmu (€4,686.65), li ghandhom jithallsu permezz ta' hlasijiet ta' mija u hamsa w sebghin Euro (€175) mensilment, li jkunu pagabbli fl-ahhar ta' kull xahar kalendarju, liema pagamenti ghandhom ikomplu jithallsu minghajr interruzzjoni sakemm jithallas is-sorte shih u l-ispejjez tal-kawza odjerna, inkluz l-ispejjez tal-mandat u eventwali kontro-mandat fl-istess ismijiet. F'kaz li ma jithallsux puntwalment zewg pagamenti skond l-appena imsemmija kundizzjonijiet, il-bilanc talvolta pagabbli,**

**flimkien mal-ispejjez, jigi dovut kollu u minufih, bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz promotur sad-data tal-hlas effettiv. Ghall-fini ta' kjarezza, it-Tribunal jordna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna, flimkien ma' kull mandat li sar mis-socjeta' attrici kontrihom, skond il-ftehim fuq imsemmi.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur